Progressivi
Moderati

**Bħala parti mill-moviment, aħna favur il-tisħiħ tad-demokrazija. Naspiraw li l-klassi politika ta' dawn il-gżejjer jirnexxilha tiżviluppa waħda mill-aktar demokraziji avvanzati fl-Ewropa. Pajjiż avvanzat preċiżament minħabba s-saħħa tas-sistema demokratika u l-livelli għoljin ta' parteċipazzjoni min-naħa tal-poplu. Naspiraw li naraw l-iżvilupp ta 'Polis Maltija' fl-aqwa tagħha f'nofs il-Mediterran, fejn jirnexxilna ndawru ċ-ċokon tagħna fl-ikbar vantaġġ u b'hekk insiru tassew mexxejja u mhux biss segwaċi fl-Ewropa.**

**Bħala parti mill-moviment aħna nappoġġjaw gvernijiet u Membri Parlamentari li jaħdmu favur il-progress u t-titjib tas-sistema demokratika. Ħa nieħdu l-eżempju ta' Dr. Franco Debono - aħna nemmnu, li avolja l-metodi tiegħu huma dibattibbli - fl-essenza tiegħu Dr.Debono jaf x'qed jgħid.**

**Bħala parti mill-moviment aħna favur diversi bidliet li qed jipproponi, nemmnu li dan il-Membru Parlamentari għandu messaġġ u kontenut validu u jkun min ikun fil-gvern u jkun x'ikun il-kulur politiku, tajjeb li jisimgħu sew x'qed jgħid. Avolja nerġgħu nispeċifikaw li l-metodi tiegħu huma dibattibbli.**

**Jekk inti wkoll, bħalna, għandek din l-aspirazzjoni għal qalbek, li tara lil dawn il-gżejjer jiżviluppaw ġo fihom waħda mill-iktar demokraziji parteċipattivi u b'saħħithom fl-Ewropa - issieħeb fil-grupp dwar it-tisħiħ tad-demokrazija fuq facebook jew żomm kuntatt magħna permezz tas-sit elettroniku www.progress.org.mt, l-indirizz elettroniku contact@progress.org.mt jew in- numru ċellulari 999 777 78.**